# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2808(2)

Każ Nru 3924/FM

Fil-kwistjoni ta' Xogħol

bejn

Miriam Garcia Medina

(ID 0234795A)

u

Plan 17 Limited (C 71586)

Data: 1 ta' Marzu 2023

*Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sedenti l-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff moghtija fil-15 ta' Frar 2023 (Appell Inferjuri Numru 24/2022 LM) it-Tribunal Industrijali qed jiċċara x'wasslu għall-ammont likwidat għad-danni fid-deċiżjoni numru 2808 tas-16 ta' Marzu 2022 dwar dan il-każ.

It-Tribunal qies id-danni sofferti mir-Rikorrenti wara l-liċenżjament tagħha kif elenkati fl-Affidavit tagħha li jammontaw għal €8582. It-Tribunal a tenur tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 81 (2) tal-Kap 452 ikkonsidra li peress li r-Rikorrenti kienet ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz wara l-liċenzjament tagħha kellha żmien qasir ħafna biex issib impieg ieħor għax altrimentri kienet tkun kostretta li tħalli Malta u fuq kollox ma kienx faċli li ssib impieg bħal dak li kellha peress li r-ristoranti kienu kważi kollha magħluqa minħabba l-Covid. It-Tribunal arrotonda l-ammont ta' danni bi ftit mijiet ta' ewro bħala somma simbolika għal danni morali.

(Iffirmata)

Franco Masini
Chairman